Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol

# Ekonomija Ewropea li tagħti kas aktar tal-ambjent: Tweġibiet u inizjattivi mill Istati Membri u mill imsieħba soċjali

## Sommarju eżekuttiv

## Introduzzjoni

Qiegħed jiġi rikonoxxut dejjem aktar li t-tibdil fil klima sejjer jkollu impatt fuq is suq tax xogħol: xi reġjuni, setturi, kumpaniji, impjiegi u gruppi ta' ħila sejrin jintlaqtu ħażin, filwaqt li oħrajn għandhom x'jirbħu. Għalhekk, l imsieħba soċjali u l gvernijiet għandhom rwol vitali u konġunt fl iffaċilitar tat transizzjoni lejn 'ekonomija li tagħti kas aktar tal-ambjent': billi jantiċipaw u jippromwovu l ħiliet meħtieġa biex jevitaw il qgħad strutturali, jappoġġjaw teknoloġiji effiċjenti u inizjattivi ambjentali, u jpoġġu fil-mira l iffinanzjar pubbliku għal miżuri biex inaqqsu l piż ambjentali – biex insemmu ftit biss minn inizjattivi bħal dawn.

Dan ir rapport jeżamina t tweġibiet u l inizjattivi meħudin minn gevrnijiet nazzjonali u mill imsieħba soċjali fl Istati Membri tal UE u fin Norveġja biex jaħdmu lejn ekonomija li tagħti kas aktar tal-ambjent u biex jimmassimizzaw il potenzjal tal ħolqien tax xogħol ta' dan il qasam ġdid. Is sejbiet huma bbażati fuq evidenza pprovduta miċ ċentri nazzjonali tal-EIRO tal Fondazzjoni Ewropea għat Titjib tal Kundizzjonijiet tal Ħajja u tax Xogħol (Eurofound). L ewwel parti ħarset speċifikament lejn pakketti ta' rkupru nazzjonali li jinkludu aspetti ambjentali, li juru kif l Istati Membri waqqfu strutturi u pjattaformi ta' governanza għal dibattitu bi u tripartitiku biex jittrattaw mal aġenda ambjentali u jfasslu l għarfien dejjem jiżdied tal importanza tat-tnaqqis tal emissjonijiet tad dijossidu karboniku ($CO_2$) u l-iżvilupp ta' sorsi tal enerġija alternattivi. L iskop ta' inizjattivi bħal dawn jinkludi l produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli (inkluż enerġija mill mewġ, mix-xemx u mir riħ), l effikaċja fl-użu tal enerġija, it trasport sostenibbli, il provvista tal ilma, l immaniġġjar tal iskart u l agrikultura sostenibbli. Ir rapport jidentifika wkoll numru ta' inizjattivi innovattivi li jistgħu jinqasmu mal oħrajn u jinfirxu bħala eżempji ta' prattika tajba.

## Kuntest tal politika

L istituzzjonijiet tal Unjoni Ewropea kienu attivi matul dawn l aħħar snin fl-implimentazzjoni ta' strateġija politika għal ekonomija ambjentali li tistabbilixxi qafas għall azzjonijiet tal Istati Membri individwali. Mira ħadra ċentrali hija l impenn Ewropew li l emissjonijiet ta' $CO_2$ jitnaqqsu għal 20% taħt il livelli tal 1990 sal 2020. L Istrateġija Ewropea għall Iżvilupp Sostenibbli tistabbilixxi strateġija fit-tul u ġiet implimentata f'ħafna iktar strateġiji oħrajn tal UE (bħal-Linji Gwida għall Impjiegi u l Aġenda Soċjali). Wara dan, il maġġoranza tal Istati Membri fasslu l istrateġiji nazzjonali tagħhom għall iżvilupp sostenibbli. Il Pjan Ewropew għall Irkupru approvat mill kapijiet tal Istat u tal gvern f'Diċembru 2008 jistabbilixxi l għan strateġiku għat-tħaffif tat-tendenza lejn ekonomija b'karbonju baxx. Iktar reċenti, il Kummissjoni Ewropea fissret il pożizzjoni tagħha f'*White Paper* li ħarġet f'April 2009, intitolata '*Adapting to climate change: Towards a European Framework for Action*' ('Nadattaw għall-bidla fil-klima: Lejn Qafas Ewropew għal Azzjoni'). Fuq livell multinazzjonali, l 'Inizjattivi għal Impjiegi Ambjentali' hija messaġġ ta' politika tripartitaka minn min iħaddem, mit trejdjunjins u mill gvernijiet biex jippromwovu impjiegi u żvilupp ambjentalment sostenibbli f'dinja li qiegħda tiffaċċja sfida fil-klima.

## Sejbiet ewlenin

Filwaqt li b'mod ġenerali r rapport juri li l gvernijiet u l imsieħba soċjali fil maġġoranza tal pajjiżi huma attivi biex jippruvaw jippromwovu l 'aġenda ambjentali', il livell tal impenn, il mobilizzazzjoni u l eżistenza tal istrutturi ta' governanza u għal dibattitu konġunt ivarjaw. L istess jista' jingħad fir rigward dak li huwa meqjus bħala li huwa 'ambjentali' fl Ewropa (jiġifieri enerġija nukleari, rimi ta' karozzi, biedja organika).

Waħda mill inizjattivi ewlenin introdotti minn ħafna gvernijiet nazzjonali matul dawn l-aħħar snin hija l iskema fejn in nies jingħataw inċentivi finanzjarji biex jarmu karozzi eqdem. Madankollu, kien iġġenerat dibattitu konsiderevoli rigward il merti ambjentali ta' skemi bħal dawn, u dwar jekk jagħmlux iżed biex jappoġġjaw l industrija tal karozzi milli biex jippromwovu l aġenda ambjentali.

Ir riċessjoni waqqgħet il kwistjonijiet ambjentali mill aġenda f'xi Stati Membri, filwaqt li oħrajn użaw il pakketti tagħhom ta' rkupru biex jippromwovu t transizzjoni għal ekonomija b'karbonju baxx. Eżempju ta' prattika tajba ta' ftehim kollettiv ambjentali bħala parti mill pjan Belġjan ta' rkupru huwa l 'ekoċekk': primjum fil-paga, mogħti skont ċerti kundizzjonijiet b'eżenzjonijiet fit taxxa soċjali, imfassal biex jinkoraġġixxi x xiri ta' oġġetti li ma jagħmlux ħsara lill ambjent u li huma sostenibbli. Dawn l ekoċekkijiet huma meqjusin bħala bonus minn min iħaddem, madankollu, fil prattika jintużaw fil proċess kollettiv ta' negozjar biex jagħmlu tajjeb għal talbiet relatati mal-pagi minn trejdjunjins b'mod indirett billi joffru dawn iż żidiet 'rotob' fil paga. Kemm min iħaddem kif ukoll il ħaddiema jibbenefikaw mill eżenzjonijiet tat taxxa.

Każ illustri ieħor huwa l ftehim kollettiv iffirmat mill imsieħba soċjali Taljani u l maniġment, fejn il bejgħ tal fabbrika Electrolux fi Scandicci lil Fond tal Investiment Anglo Amerikan se jirriżulta f'bidla, mill produzzjoni ta' friġġijiet żgħar għall produzzjoni ta' pannelli tax xemx u mtieħen tar riħ. Il ftehim jistipula li sas sena 2010, l impjant jikri mill inqas 370 mill 450 impegat li jaħdem hemm bħalissa.

L imsieħba soċjali madwar l Ewropa huma impenjati f'firxa ta' azzjonijiet – inkluż il ħruġ ta' stqarrijiet politiċi, l organizzazzjoni ta' konferenzi u gruppi ta' ħidma biex jiddiskutu kwistjonijiet ambjentali, u l ħolqien ta' programmi ta' taħriġ biex jiżguraw li l membri jiksbu l ħiliet neċessarji. F'xi pajjiżi, fejn l imsieħba soċjali huma inqas attivi, l inizjattivi huma ħafna drabi mmexxija minn NGOs. Hemm differenzi evidenti fl approċċi ta' rappreżentanti ta' min iħaddem u tal ħaddiema, b'min iħaddem ikun iktar iffukat fuq li jiżgura li huwa jibqa' kompetittiv fl ekonomija ambjentali. L azzjonijiet ta' min iħaddem huma wkoll ħafna drabi ispirati minn kwistjonijiet ta' konformità, b'mod partikolari b'leġiżlazzjoni ambjentali. Barra minn hekk, inizjattivi ta' min iħaddem fil qasam ambjentali ħafna drabi għandhom l għeruq tagħhom fi strateġiji ġenerali ta' responsabilità soċjali korporattiva. B'kuntrast għal dan, l organizzazzjonijiet tat trejdjunjins ħafna drabi għandhom it tendenza li jieħdu inizjattivi ta' lobbying u ta' kampanji, immirati lejn il gvernijiet u l komunità tan negozju.

In nuqqas ta' ħiliet hija kwistjoni li ġiet enfasizzata fuq livell Ewropew, kif ukoll f'ċerti pajjiżi. Fi sforz biex itaffu n nuqqas, l imsieħba soċjali tar Renju Unit, b'mod partikolari fuq in naħa ta' min iħaddem, huma impenjati b'mod attiv fil promozzjoni ta' strateġiji biex iżidu l livell ta' ħiliet meħtieġa fl ekonomija ambjentali.

Fl Italja, l universitajiet u dawk li jipprovdu t taħriġ qed ifasslu korsijiet biex jiżviluppaw il ħiliet li se jkunu meħtieġa mill ħaddiema fl ekonomija ambjentali futura.

## Punti tal Politika

- Il gvernijiet, it trejdjunjins, min iħaddem u msieħba oħra madwar l Ewropa fil maġġoranza jaqblu li fil-futur, l ekonomija ambjentali għandha l potenzjal li toħloq numru sinjifikanti ta' impjiegi. Waħda mill isfidi ewlenin hija kif sejrin nisfruttaw il potenzjal ta' dan il qasam u nużawh biex nerġgħu nagħtu l ħajja lill ekonomiji li qed isofru mill kriżi ekonomika reċenti.
- Bi ftit eċċezzjonijiet biss, ir rapport juri Lvant Punent ċar u, minkejja li ħafna inqas, diviżjoni Nofsinhar Tramuntana meta niġu għal livell ta' impenn u mobilizzazzjoni tal imsieħba soċjali u l gvernijiet u l kontenut tal inizjattivi, li tirrifletti d diversità tal lista nazzjonali ta' prijorità.
- L ekoċekk Belġjan u l każ Taljan ta' ristrutturazzjoni huma eżempji tajba ta' kif l imsieħba soċjali jistgħu jħallu impatt fuq u jrawwmu l proċess tat transizzjoni bl għodod tradizzjonali tagħhom ta' negozjar u ftehimiet kollettivi.
- L aġenda ambjentali hija wkoll mistennija li tagħti forma ġdida lill kontenuti u lill forom tad djalogu soċjali. Huwa possibbli li jkun hemm xi rikonfigurazzjoni tal atturi ewlenin u tal proċessi tad djalogu soċjali. Fl istess ħin, jistgħu jinħolqu proċessi u strutturi ġodda biex jiddibattu l kwistjonijiet emerġenti dwar impjiegi marbuta mal ekonomija ambjentali.
- Huwa meħtieġ li tingħata ħarsa fit-tul lejn il kwistjoni, minħabba li l ekonomija ambjentali mhijiex soluzzjoni ta' malajr li sejra tgħin lill pajjiżi fuq perjodu ta' żmien qasir. Il bidla għal sorsi ta' enerġija alternattivi u l limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' $CO_2$, filwaqt li tiżgura li l ekonomiji jibqgħu kompetittivi u l ħaddiema jżommu ruħhom aġġornati, teħtieġ ippjanar għaqli u fit tul u qafas politiku sod. Il politika tal UE tista' sservi ta' katalista f'dan il proċess.

**Iktar Informazzjoni**

Ir rapport dwar *Ekonomija Ewropea li tagħti kas aktar tal-ambjent: Tweġibiet u inizjattivi mill Istati Membri u mill imsieħba soċjali* huwa disponibbli fuq:
http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0972.htm

Christine Aumayr, Uffiċjal għar Riċerka
cau@eurofound.europa.eu

EF/09/72/MT1